



Tiġdid tal-mandat ta' Alfredo Calot Escobar bħala Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fis-26 ta' Ottubru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja ġeddet il-funzjonijiet ta' Alfredo Calot Escobar, Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2010, għal mandat ta' sitt snin, jiġifieri għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2022 u s-6 ta' Ottubru 2028. Il-funzjonijiet tiegħu kienu diġà ġew imġedda għall-ewwel darba biex jaqdi t-tieni mandat mis-7 ta' Ottubru 2016 sas-6 ta' Ottubru 2022.

Ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja jinħatar mill-Imħallfin u mill-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja għal perijodu ta' sitt snin li jista' jiġġedded. Huwa jassisti lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tagħha. F'din il-kwalità, huwa jeżerċita r-responsabbiltajiet previsti fir-regoli tal-proċedura tal-qorti. Huwa wkoll is-Segretarju Ġenerali tal-istituzzjoni. Taħt l-awtorità tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-istituzzjoni u għall-ġestjoni tal-persunal tagħha u tad-dipartimenti tagħha. Huwa jeżerċita, b'delega tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-funzjoni ta' persuna responsabbli għall-approprijazzjonijiet li jinsabu fil-baġit tal-istituzzjoni.

Barra l-funzjonijiet tiegħu ta' Reġistratur, Calot Escobar jippresjedi l-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-Laqqha tas-Segretarji Ġenerali u tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fil-Lussemburgu.

Curriculum vitae

Imwieled fl-1961 f'Valencia (Spanja), Alfredo Calot Escobar wettaq l-istudji tiegħu fl-Universidad de Valencia (l-Università ta' Valencia, Spanja), fejn kiseb il-lawrea tad-dritt.

F'Jannar 1986, huwa ġie rreklutat mill-Kunsill tal-Kmamar tal-Kummerċ tal-Komunità Awtonoma ta' Valencia sabiex jeżerċita l-funzjonijiet ta' analista kummerċjali fl-uffiċċju kummerċjali ta' Spanja f'Toronto (il-Kanada). Huwa ħadem hemm sad-dħul fil-kariga tiegħu fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, fis 16 ta' Lulju 1986, wara li għadda mill-kompetizzjoni ġenerali intiża li timla l-ewwel pozzizzjonijiet ta' ġuristi lingwisti tal-ilsien Spanjol fid-Direttorat tat-Traduzzjoni.

Fl-1990, huwa ġie promoss fil-pożizzjoni ta' ġurista reviżur u eżerċita din il-funzjoni sal-1993, data li fiha ngħaqad mad-Diviżjoni tal-Istampa u tal-Informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-1995, huwa għadda minn kompetizzjoni ġenerali għal amministraturi organizzata mill-Parlament Ewropew u ngħaqad mad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjonijiet u d-Delegazzjonijiet Interparlamentari, bħala amministratur fis-Segretarjat tal-Kummissjoni Istituzzjonali.

Fl-1996, huwa ssejjaħ mill-ġdid sabiex jingħaqad mal-uffiċċju tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, fejn eżerċita l-funzjonijiet ta' attaché sal-1999, data li fiha huwa ġie nnominat référendaire fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali Dámaso Ruiz-Jarabo Colomer.

Bis-saħħa tad-diversità tal-esperjenza professjonali tiegħu, huwa reġa' ngħaqad mad-Dipartiment tat-Traduzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2000 bħala kap tad-Diviżjoni tal-ilsien Spanjol, li għaliha kien ikkontribwixxa għall-istabbiliment tagħha 14-il sena qabel.

FI-2001, ġie nnominat direttur tat-traduzzjoni, f'mument importanti fl-istorja tal-multilingwiżmu, għaliex kienet qiegħda ssir il-preparazzjoni tat-tkabbir tal-Unjoni b'għaxar membri ġodda, u, b'dan, kważi l-irdoppjar tan-numru tal-lingwi uffiċjali, li minn 11 saru 20.

Wara bidla fl-istruttura tad-dipartimenti amministrattivi tal-istituzzjoni, Calot Escobar ġie nnominat direttur ġenerali tat-traduzzjoni f'Ġunju 2007.

Fis 6 ta' Ottubru 2010, huwa ġie elett Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, inkarigu li ilu jokkupa minn dak iż-żmien.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355